MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## ANNA FELICE

Seduta ta' l-24 ta' Novembru, 2009

Citazzjoni Numru. 475/2008

**A B**

**-vs-**

**C D**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ta’ A B, fejn dan, wara li ppremetta:

Illi l-attur A B u l-konvenuta C D izzewgu fl-4 ta’ Awissu tas-sena elfejn u sebgha [2007], kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg hawn taht anness u mmarkat bhala Dok. DR1.

Illi l-kunsens tal-partijiet ghal dan iz-zwieg kien vizzjat b’difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b’anomalija psikologika serja illi ghamlitha

impossibli ghall-konvenuta illi taqdi l-obbligi essenzjali taz-zwieg, u dana ai termini ta' l-Artikolu 19(1)(d) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi ghalhekk iz-zwieg ta' bejn il-kontendenti kien null u invalidu skond il-ligi.

Tghid ghalhekk il-konvenuta ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

1. Tiddikjara z-zwieg ta' bejn il-partijiet null u bla effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta li hija minn issa ingunta in subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuta C D fejn din eccepiet:

Illi hija taqbel mat-talba tal-attur li z-zwieg ghandu jigi annullat izda mhux ghal ragunijiet imputabbli lilha izda huma imputabbli lejn it-tnejn u dan kif jigu ppruvati waqt il-kawza.

Salv risposti ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra l-attur.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-affidavit prodotti.

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Ikkunsidrat illi permezz ta' din il-kawza, ir-rikorrent qed jitlob dikjarazzjoni tan-nullita' ta' zwieg tieghu ma' C D ai termini tal-Art 19 (1)(d) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta. Il-konvenuta taqbel li z-zwieg null pero' tghid li r-raguni mputabbli lejn iz-zewg partijiet.

Il-Qorti tibda biex taghmel xi osservazzjonijiet ta' natura generali. Kif ga' kellhom hafna okkazzjonijiet jesprimu

dawk il-Qrati, f'materja ta' nullita' ta' zwieg, mhux la kemm wiehed jallega u l-iehor jaqbel. L-indagini trid issir u ssir bir-reqqa.

Ukoll, galadarba jigi allegat vizzju ta' kunsens, ix-xhieda li tingieb trid tkun essenzjalment relattiva ghall-mument li partijiet dahlu fir-rabta taz-zwieg. L-istorja, difficli kemm hi difficli, ta' zwieg li sussegwentement jitfarrak, jista' jkollha rilevanza biss jekk tkun b'xi mod mera ta' dak li kien jezisti fil-mument li jinghata l-kunsens.

Stabbiliti dawn il-principji ta' natura generali, din il-Qorti ser tghaddi biex tevalwa x-xhieda prodotti fil-kaz in ezami. Fil-kaz li ghandha quddiemha l-Qorti, ingabet, permezz tal-procedura tal-affidavit, ix-xhieda tal-partijiet u tal-genituri tar-rikorrent.

Jirrizulta li l-partijiet damu gharajjes disa' snin qabel ma zzewgu. Ir-relazzjoni ta' bejniethom kienet l-ewwel wahda ghat-tnejn li huma. Ir-rikorrent jiddiskrivi l-gherusija taghhom f'dan il-kliem:

"Nispjega illi jiena sirt naf lill-mara tieghi C meta jiena kelli biss sbatax-il sena u hi kellha sittax-il sena. It-tnejn illi ahna konna ghadna zghar hafna u qatt qabel din ir-relazzjoni ma konna involuti ma' terzi persuni f'relazzjonijiet ta' mhabba. Ma kellna l-ebda esperjenza. Konna nafu biss lil xulxin u dejjem bqajna ma' xulxin, qatt ma ggilidna fil-perjodu twil ta' l-gherusija taghna u cioe' ta' circa disa' snin, u C kienet l-ewwel u l-unika tfajla li maghha kelli intenzjonijiet serji illi nibni futur. Sa fejn naf jiena, jiena kont ukoll l-ewwel guvni illi kienet tohrog mieghu C. Nghid illi z-zwieg bejnietna gie kwazi kwazi bhala l-aktar haga naturali u dana ghaliex domna gharajjes ghal zmien twil mhux hazin."

Imbaghad jghaddi biex jirrakkonta l-istorja ta' kif tfarrak iz-zwieg . Hu jkompli jghid:

"Ghalkemm ahna domna gharajjes ghal disa' snin u suppost konna nafu lil xulxin sewwa, malli bdejna nghixu flimkien bhala mizzewgin l-affarijiet bejnietna bdew

jinbidlu. C bdiet tikkomporta ruhha b'mod stramb hafna, kwazi kwazi bdiet ittini l-impressjoni illi beda jiddispjaciha illi konna zzewwigna. Innutajt illi malli zzewwigna, C donnha bdiet tinfixel quddiem ir-responsabbilitajiet illi z-zwieg igib mieghu, u fil-fatt inbidlet mil-lejl ghan-nhar."
Omm ir-rikorrenti, Antonella B, tixhed illi:

"Nghid illi ghalkemm A u C ghamlu disa' snin johorgu flimkien qabel iz-zwieg taghhom fl-elfejn u sebgha, jiena ftit li xejn kont naraha lil C u dana ghaliex ma kinitx tigi d-dar tieghi frekwentement, hlief ghall-ikel kull nhar ta' Hadd. Madanakollu nghid illi jiena kont ninduna illi C kellha attitudni stramba hafna, kienet persuna assenti hafna u immatura fid-diskors taghha u fir-reazzjonijiet taghha, izda onestament qatt ma tajt wisq kaz u lanqas ridt nigbed l-attenzjoni ta' ibni A ghaliex jiena ma ridtx nindahal fir-relazzjoni ta' bejniethom."

Hawnhekk ukoll, huma dawn il-ftit versi tax-xhieda li jirreferu ghaz-zmien ta' qabel iz-zwieg.

L-istess omm ir-rikorrenti tkompli  biex tiddikjara illi:

"Kont ninduna illi C ma kienet stabbli xejn, kellha habta timmagina illi qeghdin jigru certu affarijiet li fil-verita' ma kinux ikunu minnhom, u dak li tkun immaginat taghmlu realta'."

Hi tkompli biex telabora dwar xi incidenti li, madanakollu ma jurux dik l-instabbilita' li tallega l-istess omm. L-istess jaghmel missier ir-rikorrenti. Jatribwixxi lill-mara ta' ibnu attitudni stramba u immaturita' minghajr ma jissostanzja din id-dikjarazzjoni sufficjentement. Missier ir-rikorrenti jalludi ghal tfulija difficli tal-intimata, pero' ma jirrelata bl-ebda mod, dan il-fatt, ukoll jekk veru, mar-rizultat taz-zwieg imkisser. Din l-allegata tfulija difficli lanqas biss tirreferi ghaliha l-istess intimata fl-affidavit taghha. Ir-rikorrent lanqas biss ghamel kontro-ezami tal-istess intimata, minn fejn setghet forsi tinstab konferma ta' dak li jallega. Ebda familjari ohra tal-partijiet ma tressqu bhala xhieda.

Il-Qorti ssibha difficli tifhem kif wara disa' snin shah ta' gherusija, l-istess attur u familjari tieghu ma setghu jaghtu ebda dettalji dwar l-allegata tfulija difficli tal-intimata. Ghalkemm m'hemm ebda dubbju li z-zwieg bejn il-partijiet sfaxxa tragikament, partikolarment in vista tal-allegazzjonijiet reciproci ta' adulterju, l-ebda wahda mill-partijiet ma rnexxielha tikkonvinci lil din il-Qorti bl-ezistenza ta' vizzju tal-kunsens kif allegat fir-rikors promotur.

Ghal dawn ir-ragunijet, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tichad it-talba.

L-ispejjez jithallsu mill-attur.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------